# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF

## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta tal-Erbgha 31 ta' Lulju 2019

**Rikors Numru : 212/2019JPG**

**Kawza Numru : 11**

**SC**

**vs**

**FC sive CB**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' SC, datat 19 ta' Mejju 2019, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi huwa zzewweg lill-intimat FB detentrici tal-karta tal-identita' numru X fis-sitta (6) ta' Settembru, tas-sena elf disa' mija sitta tmenin (1986), kif jidher mic-certifikat taz-zwieg hawn anness u mmarkat bhala DOK A, minn liema zwieg twieldu zewg ulied, A u Z, it-tnejn illum maggorenni;*

*Illi minhabba ragunijiet serji u ammissibli mill-ligi ir-relazzjoni bejn l-imsemmija konjugi ntemmet, u l-partijiet ilhom de jure separati mit-tnejn u ghoxrin (22) ta' Ottubru tas-sena elf disa' mija sitta u disghin (1996) hekk kif inhu dokumentat fil-kuntratt tas-separazzjoni hawn anness u mmarkat bhala DOK B;*

*Illi fil-konfront tat-tfal maggorenni illum ma hemm bzonn ta' ebda provvediment ghall-manteniment;*

*Illi ma hemm ebda provediment ghall-manteniment bejn il-partijiet;*

*Illi ma fadal ebda pendenzi ohra bejn il-partijiet u lanqas ma jezistu kwistjonijiet bejniethom;*

*Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-mizzewgin;*

*Illi ghalhekk il-kondizzjonijiet mhasuba fl-Artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, huma sodisfatti u fic-cirkostanzi mhux mehitega illi ssir medjazzjoni bejniethom.*

*Ghaldaqstant l-esponent umilment jitlob illi a tenur tad-dispozizzjonijiet tal-artikolu 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, Din l-Onorabbli Qorti joghgobha, previa s-smigh tal-partijiet kif mahsub fl-Artikolu 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta, ukoll sabiex jigi stabbilit illi jezistu dawk il-kondizzjonijiet mahsuba fl-imsemmi Artikolu 66B:*

1. *Tippronunzja d-divorzju bejn il-partijiet kif mahsub fl-imsemmi Arrtikolu 66C;*

2. *Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex f'terminu ffissat minn Din l-Onorabbli Qorti, javza lid-Direttur tar-Regsitru Pubbliku ai termini tal-Artikolu 66A tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta bil-hall taz-zwieg fuq imsemmi bejn il-partijiet.*

*Bl-ispejjez bla taxxa bejn il-partijiet.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat in-nota ta' Ammissjoni ta' FC sive CB, datata 22 ta' Mejju 2019, a fol 16, li taqra hekk:

*Li biha tammetti it-talbiet rikorrenti kif dedotti.*

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat;**

**SC** xehed a fol 19 *et seqq.*, illi l-partijiet izzewgu fis-6 ta' Settembru, 1986 u kienu ottjenew s-separazzjoni legali fit-22 ta' Ottubru, 1996, permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni konsenswali. Xehed illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewg ulied, illum maggorenni. Xehed ukoll illi m'hemm l-ebda pendenzi ta' manteniment. Qal illi l-partijiet ilhom jghixu separatament ghal aktar minn erba' snin u li m'hemm l-ebda tama ta' rikonciljazzjoni.

**FCB** xehdet a fol 21 *et seqq.*, u kkonfermat u kkoroborat ix-xhieda tar-rikorrent.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A. (1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'dan is-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza. [...]***

***66B. Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-miżżewġin ikunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-inqas erba' snin matul il-ħames snin minnufih preċedenti, jew ikunu għaddew mill-inqas erba' snin mid-data tas-separazzjoni legali; u***

***(b) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

> ***(ċ) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ-ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu 57:***
>
> ***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment: [...]***

**Ikkonsidrat:**

Jirrizulta sodisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-6 ta' Settembru, 1986 (Vide Dok A fol 4) u li minn dan iz-zwieg huma kellhom zewg ulied;

Jinsab stabbilit ukoll illi l-partijiet isseparaw legalment permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dottor Peter Fleri-Soler, datat 22 ta' Ottubru, 1996 (vide Dok. B fol 5 et seqq.) u li ilhom aktar minn erba' snin ma jghixu flimkien;

Jirrizulta ukoll m'hemmx pendenzi rigward hlas ta' manteniment bejn il-partijiet.

Il-Qorti tqis inoltre li ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet.

Ghalhekk jirrizulta illi l-partijiet irnexxilhom jissodisfaw ir-rekwiziti kollha mehtiega mil-ligi sabiex z-zwieg jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar mill-llum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;**

**Il-Qorti tordna li l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**